**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-18 ta' Mejju, 2018**

**Talba numru: 516/2016 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 15**

**Nutar Dr Joseph H. Saydon (ID 377746M)**

**25/9, Vincenti Buildings,**

**Strait Street,**

**Valletta**

**Vs**

**Raymond Calleja (ID 769859M)**

**Azalea Court, Flat 19,**

**Triq Barnaba,**

**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fil-11 ta' Novembru, 2016 li permezz taghha l-attur talab minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u sebgha u sebghin ewro u erbatax-il centezmu (€1,377.14c) rapprezentanti hlas zejjed li sar bi zball mill-

attur lil konvenut in sekwita ghal likwidazzjoni u tqassim tal-wirt tal-mejjet Matteo Calleja li tieghu l-konvenut huwa eredi flimkien ma' ohrajn liema zball inkixef fl-2015.

Ra r-risposta tal-konvenut a fol 8 li permezz taghha eccepixxa li d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-azzjoni mressqa mill-attur hija perenta bit-trapass taz-zmien u dan ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Eccezzjoni dwar il-Preskrizzjoni

Fl-affidavit tieghu Frances Mifsud prodott mil-konvenuta a fol 14 et xehed li huwa wkoll werriet taz-ziju Matthew sive Matthew sive Mattew Calleja li miet f'Marzu 2010. L-attur kien hadmilhom tali wirt. Jiftakar li ghal habta ta' Awwissu jew il-bidu ta' Settembru, 2011 kien cempillu l-attur biex imur jigbor cheque ghalih u kien mar ghalih fl-ewwel gimgha ta' Settembru, 2011 u flimkien mac-cheque l-attur ghaddielu kopja ta' statement of account of the estate tal-istess mejjet u pprezenta kopja tal-istess Dok FM2.

F'Ottubru, 2011 cemplitlu oht il-kugin taghha John Louis Calleja li joqghod l-Awstralja biex tghidlu li l-attur kien hareg ic-cheque bl-isem Johnny Calleja u ghalhekk il-Bank ma riedx isarraflu dan ic-cheque u kellu bzonn cheque gdid minghand in-Nutar. Huwa cempel lin-nutar dwar dan u talbu wkoll biex jaghtih xi informazzjoni dwar x'halla warajh z-ziju tieghu u biex jurih t-testment izda n-nutar qalli kliem fis-sens 'li kelli ntik, tajtulek.' Kien dam icempel lin-nutar sabiex johrog dan ic-cheque izda kull darba huwa kien jaqtghalu fil-qasir.

Kien ghal habta ta' nofs is-sena 2012 li rega cempel lill-attur biex jghaddi c-cheque lil kugin u wara xi zmien l-kugin kien ircieva c-cheque. Kien fil-bidu tas-sena 2016 li irceva l-ittra ufficjali minghand l-attur u wara l-kawza ghal hlas lura ta' parti mis-somma li kien hallsu. Huwa jghid li ma ghandu jaghti xejn lil hadd.

A fol 32 xehdet Frances Mifsud u prezentat dokumenti li juru li c-cheque kellu jmur ghand John Calleja l-Awstralja u kkonfermat li indunat li kien hemm diskrepanza izda ma setghatx tghidlu ghax ma kellhiex karti fuqhiex timxi.

A fol 27 fl-affidavit tieghu l-konvenuta xehed li huwa wiret ukoll lil Matteo sive Mattew Calleja li miet f'Marzu, 2010 u kien jaf li gie nieqes sena wara meta cempillu l-attur biex

imur jigbor ic-cheque bhala sehmu mill-wirt tal-mejjet. Xi zmien wara cemplitlu ohtu Frances Mifsud biex tghidlu li kien hemm xi diskrepanza fil-qasma u li kienet tkellmet dwar dan man-Nutar, pero' huwa ma kellux mohh joqghod jaqla' kwistjonijiet peress li huwa kien kuntent b'dak li ha. Minn meta ha c-cheque fis-sena 2011 huwa ma sema' xejn minghand il-konvenut sas-sena 2016 meta irceva l-ittra ufficjali.

A fol 33 (overleaf et) in kontro-ezami xehed il-konvenut li wara li gabar ic-cheque huwa ma sema' xejn minghand il-konvenut sakemm fis-sena 2016 ircieva l-ittra.

A fol 36 (overleaf ) et xehdet Joanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta li meta miet Matteo Calleja fid-29 ta' Marzu, 2010 huwa kellu 'savings account' li kien infetah fil-05 ta' Gunju, 1999 u nghalaq fid-09 ta' Awwissu, 2011 u pprezentat l-istatements ta' dan il-kont Dok BOV 1 a fol 41 et.

A fol 37 (overleaf) et xehdet Annalisa Debono in rapprezentanza ta' Mapfre MSV life li l-mejjet kellu polza u s-somma li thallset kienet ta' mija u disgha u sebghin elf, hames mija u wiehed u erbghin ewro u disghin centezmu (€179,541.90c) u l-ewwel cheque inhareg fil-11 ta' Novembru, 2010 izda dan wara gie stale u inhareg iehor fis-16 a' Awwissu. (fol 48 u 49).

A fol 52 l-attur ipprezenta kopja tal-ittra ufficjali mibghuta minnu lil konvenut u notifikata lil konvenut fl-14 ta' Jannar, 2016.

Ra l-affidavit tal-attur a fol 64 et li permezz tieghu kkonferma li qassam il-flus kollha lill-eredi kollha tal-istess mejjet u l-konvenut kien wiehed minnhom u dan kien fis-sena 2012. Xi tlett snin wara wiehed mill-eredi cioe' Emanuel Calleja beda jallega li l-attur ghamel frodi kontrih bil-flus tal-mejjet u rrapurtah lil Kunsill Notarili. Ghalkemm kien konvint li qatt ma ghamel ebda frodi u qala' id-dokumenti mill-arkivju u wara li ghamel l-verifiki tieghu induna li verament kien hemm zball li ma kienx induna bih u li lill-werrieta minflok hallashom mija u sebgha u tmenin elf mitejn u disgha u tmenin ewro (€187,289) b'kollox hallashom indebitament hamsa u tletin elf mija u sbatax-il ewro (€35,117) izjed.

Huwa cahad li Frances Mifsud kienet qaltu bl-izball fis-sena 2011 jew 2012 u l-uniku diskrepanza li gie mgharraf dwarha hija dwar l-isem fuq ic-cheque tant li meta biddel dan ic-cheque hija ma qaltlux li l-ammont kien hemm diskrepanza fih.

L-attur jispjega fl-affidavit tieghu fid-dettal kif wasal ghal din id-diskrepanza u meta induna b'dan l-izball kienet lil werrieta kollha u kien ircieva rifuzjoni tal-flus imhallsa bi zball minghand tlieta mill-werrieta biss u kellu jaghmel din l-kawza u kawzi ohra kontra min ma hallsux.

In kontro-ezami (fol 104 overleaf et) l-attur xehed li l-kalkoli kien ghamilhom hu u hareg ic-cekkijiet hu u Frances kienet kelmitu fuq ic-cheque li hareg hazin f'isem John Calleja u jispjega li kien wara li kien sar l-ilment mal-Kullegg tan-Nutara li rega ra l-file tal-mejjet u induna li kien hemm zball kontra tieghu .

Ra x-xhieda ta' Anne Marie Darmanin (fol 103 et) dwar l-ittra li tinsab esebita a fol 101 datata 27 ta' Frar, 2017. In kontro-ezami hija spjegat li l-ewwel bank draft f'isem John Calleja ta' hmistax-il elf seba' mija u tnejn u disghin dollaru Awstraljan u sebgha u hamsin centezmu) (15,792.57 dollaru Awstraljan) hareg fit-22 ta' Ottubru, 2012 u gie msarraf fis-06 ta' Dicembru, 2012. Kien hemm bank draft iehor f'isem John Louis Calleja li hareg fit-28 ta' Settembru, 2011 ghall-istess ammont u gie kancellat fit-22 ta' Ottubru, 2012.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra,

L-azzjoni esperita mill-attur hi dik maghrufa bhala 'indebiti soluti' u cioe' konsistenti f'talba ghar-rifuzjoni ta' pagament li jkun sar bi zball. Fil-ligi taghna l-istitut ta' l-indebitu hu prospettat taht zewg speci: dak soggettiv jew *ex persona*, tal-kreditur jew tad-debitur, a norma ta' l-Artikoli 1021 u 1022 tal-Kodici Civili; dak oggettiv jew *ex re* fit-termini ta' l-Artikolu 1147 ta' l-istess Kodici. Jokkorri li jigu riprodotti hawn dawn id-disposizzjonijiet ghall-ahjar elucidazzjoni tal-materja agitata:-

Artikolu 1021 - "Kull minn jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li min ghandu jkun irciviha bla jedd";

Artikolu 1022 (1) - "Kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur";

Artikolu 1147 (1) - "Kull hlas jissoponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista' jintalab lura";

Subinciz (2) - "Izda, ma hemmx jedd ta' azzjoni ghall-hlas lura jekk dak li thallas kellu jinghata bis-sahha ta' obbligazzjoni naturali";

Huwa evidentament distingwibbli minn dawn id-disposizzjonijiet illi ghalkemm fiz-zewg speci d-dritt ta' ripetizzjoni ghandu l-istess fondament, il-fattispeci tal-wahda hu divers minn ta' l-ohra;

Markatament, din id-diversita` tikkonsisti fil-fatt li mentri fil-kaz ta' l-indebitu *ex persona* il-pagament irid ikun sar bi zball, fil-kaz ta' l-indebitu *ex re* id-debitu li bil-hlas gie estint ma jezistix affattu. Dan jew ghaliex qatt ma ezistiet il-kawza originarja tar-rapport ("*condictio indebiti sine causa*") jew ghaliex din il-*causa* giet nieqsa successivament in kwantu annullata jew ghax tkun sehhet il-kondizzjoni sospensiva li tahta kienet sottoposta ("*condictio indebiti ab causam finitum*"). F' din l-ahhar ipotesi ta' indebitu oggettiv huwa ghalhekk irrilevanti l-izball, o meno, fis-*solvens*. Dan anke ghaliex l-istess ligi ma tipprovdix dwaru fl-Artikolu 1147;

Rigwardata l-materja mill-punto di vista ta' l-Artikolu 1022, biex ikun hemm lok ghar-ripetizzjoni ta' indebitu jinhtieg li jissussistu dawn l-elementi kostituttivi, u cioe:

i. (a) li jkun sar pagament;

ii. (b) li dan il-pagament ma kienx dovut;

iii. (c) li l-pagament ikun sar bi zball.

Jispetta lil min jipproponi l-azzjoni li jipprova l-hlas, l-inezistenza tal-*causa solvendi* u l-izball;

Riferibilment ghat-tieni element li bhal l-ewwel wiehed jghodd ukoll ghal kaz ta' indebitu *ex re* (Artikolu 1147) jinsab spjegat illi "jista' jkun hemm pagament mhux dovut f'diversi ipotesijiet, u wahda minn dawk l-ipotesijiet hu meta l-pagament ikun jidderiva minn titolu annullabbli, rexxindibbli, rizolubbli u revokabbli, u jkollu kontra tieghu eccezzjoni perentorja tajba biex tiddistruggih, mhux biss civilment, imma anke naturalment" (**Kollez. Vol. XLV P III p 782**);

Ghal dak li jikkoncerna l-element ta' l-izball il- gurisprudenza taghna, filwaqt li tosserva d-distinzjoni illi fil-kaz ta' l-*accipiens* il-hlas irid ikun ricevut minnu "sew xjentement jew bi zball" (Artikolu 1021), fil-kaz tas-*solvens* li jkun hallas jibbasta l-izball. Zball dan li skont is-sentenza a **Vol. XXXIII P II p 332**, "irid ikun zball ta' fatt, u mhux ta' dritt jew injoranza tal-ligi", mentri invece, skont is-sentenza precitata a **Vol. XLV P III p 782**, "minghajr distinzjoni bejn zball ta' fatt u zball ta' dritt, sakemm l-izball ta' dritt ikun il-kawza unika jew principali tal-pagament u l-haga ma tkunx dovuta lanqas ghall-obbligazzjoni naturali";

Huwa pacifiku, pero`, illi "jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-*solvens*, u b'mod specjali jekk isir il-prova li dak is-*solvens* kien jaf bic-cirkustanzi li mhabba fihom ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas." (**Kollez. Vol. XLI P I p 76**);

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt *in subjecta materia*, il-fatti sostanzjali li taw lok ghall-kawza prezenti huma dawn:-

Illi fil-kaz in ezami l-attur qed jitlob r-rifuzjoni tas-somma ta' elf tlett mija u sebgha u sebghin ewro u erbatax-il centezmu (€1,377.14c) indebitament imhallsa minnu lil-konvenut u dana wara li skont hu intebah bi zball fil-kalkoli effetwati minnu sabiex jiddetermina s-sehem spettanti lill-eredi tal-mejjet Matteo Calleja foshom l-konvenut odjern.

Il-konvenut qed jeccepixxi t-trapass tas-sentejn a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili u mhux jikkontesta li ircieva l-ammont mertu tal-kawza. Illi dwar din l-eccezzjoni l-Qrati taghna dejjem irritenew li s-sentejn jibdew jiddekorru minn meta mill-jum li l-attur jinduna bl-izball u skopra l-izball u mhux meta sar l-izball. Vide fost ohrajn **Camel**

**Brand Company Limited vs Worldwide Import and Export Company Limited Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-22 ta' Mejju, 2009.**

Mill-provi jirrizulta li l-attur intebah b'li zball fis-sena 2015 meta hareg il-file u ghamel il-kalkoli mehtiega u ntebah bl-izball u l-ittra ufficjali giet notifikata lil konvenut fl-istess sena u dawn il-proceduri kontra l-konvenut gew istitwiti fl-istess sena.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.

Illi dwar il-provi jirrizulta li l-attur hallas is-somma mitluba indebitament lill-konvenut, liema ammont mhux kontestat mill-konvenut li huwa ircevieh minghand l-attur.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezjoni tal-konvenut u jilqa' it-talba tal-attur u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u sebgha u sebghin ewro u erbatax-il centezmu (€1,377.14c) bl-imghaxijiet legat mid-data tal-ittra ufficjali numru 16/16 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 16/16 a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**